**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IL-ERBGHA, 3 TA' OTTUBRU, 2001**

*Avviz. Nru 664/01 AJD*

P. Cutajar & Co. Limited

vs

Pierre Dingli Attard

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Awissu, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tnejn u hamsin liri Mlatin u disa' centezmi (Lm252.09) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut mis-socjeta' attrici.
Bl-ispejjes, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Vanessa Borg, in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tnejn u hamsin liri Maltin u disa' centezmi (Lm252.09) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effetiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR